# Eghluq is-Sena mill-Ingress ta' l-Arcisqof

*Ta'* AMANTE BUONTEMPO

Ngħidhielek kif inħoss! xtaqtek mhux inti
Jew jien m'iniex li jien, biex insemmagħlek,
Bla biża' li ngħallik, l-għanja ferrieħa
Li xegħlet f'qalbi bin-nirien ta' dwalek.

Xtaqtni ma kontx mill-egħżeż fost uliedek
Hal' ma taħsibx ħażin fil-ħajr ta' kliemi:
Jekk għad immut fil-merħla ta' saltnatek,
Tkun tista' tgħożż aħjar dal-ħsieb dewwiemi.

Irrid irroddilok ħajr kif jixraq lilek
Bi kliem li forsi fl-għana ma jmut qatt:
Irrid insemmgħek ftit min-nar ta' fija
Li f'dan il-jum qatt minsi mort qabbadt.

Sthajjiltek x'rebbieħ tal-Belt Qadima.
Fi ksur il-ħemda taħkem fuq is-swar,
U l-Belt mixgħula fl-aħħar tat-taqtigħa
Tistenniek dieħel fost l-ilsniet tan-nar.

Sthajjiltek tieqaf tara min hu taħtek
U ttemm id-drawwa li wasslulna s-snin,
U mbagħ'd fuq żiemel abjad tkompli dieħel
Sultan ta' nies qalbiena w ferħanin.

Sthajjiltek ridt tgħidilna li qlubitna
Tikseb fil-qawwa s-saħħa ta' kull blat,
U l-qagħda tal-għedewwa f'Art twelidna
Mhix bħalma jgħidu l-gideb u x-xnigħat.

Sthajjiltek fuq il-bieb ta' Dar-il-hena
Għall-ewwel darba tagħti xi amâr.
Mhux kmand ta' ġlied u qirda; kmand ta' mħabba
Li b'qima lejk irażżan kbar u żgħar.

Sthajjiltek f'Dar il-ġmiel miġbura għall-festa
Il-mistednin jifirħu mar-Rebbieħ,
F'tagħniqa waħda ġiehhom u kburithom
Mal-kobor tiegħek mogħni bl-ogħla ġieh.

Sthajjilt għajnejja kixfu moħbiet qalbi
U bżajt li nfisser dmugħi nkun mitlub;
Għalhekk dal-vrus ħażżiżtlek kif ħassejthom.
La naf kemm inti tħobb sinċiera l-qlub.



# Recensjonijiet

**Ġużè' Galea—"INKWIET FID-DAR"**—Kummiedja fi tliet Atti.—Stamperija tad-Dar ta' San Ġużepp. Malta. 1945.

Qrajt il-Kummiedja "**Inkwiet fid-Dar**". Għoġbitni għaliex imżewqa ġmielha u minsuġa tajjeb: il-persunaġġi jagħmlu tajjeb il-parti tagħhom u għalkemm fl-iżvolġiment tal-kummiedja hemm element traġiku sewwa, il-għeluq jasal komiku ħafna.

Jiena ma naħsibx li jien imħallef tajjeb f'din il-qatgħa ta' kitba, imma jidhirli li l-kummiedja hi tajba tassew.

DUN KARM.

**Dun Frans Camilleri — "MOĦBA TAL-QALB" —** Malta, Lux Press. 1945.

Dawn il-mitt poeżija li ġabar fi ktieb wieħed Dun Frans Camilleri huma t-tifsira tat-tqanqiliet u l-ħsus li twieldu fil-qalb żagħżugħa ta' saċerdot. Huma wkoll l-ewwel frott tal-ħeġġa tiegħu li riedet bilfors tinfexx, jiġri x'jiġri; hu ma setax jagħmel ieħor għax ma' twelid il-għana huwa ra

"Kemm kienu sbieħ l-ewwel sigħat ta' ħeġġa.
li fawru 'l demmi biex inħobb il-għana!
Niftakar li ħassejt bħal rogħda f'qalbi
tbaqbaq bil-ferħ kif bdiet tinfexx setgħana."

Dun Frans tana l-għanja li kellu f'qalbu. Kienet għanja ta' żagħżugħ għax, kif kiteb il-Prof. Aquilina fil-"Kelmtejn Qabel": "Dun Frans bħala poeta jingħadd mal-ġenerazzjoni tal-għannejja l-aktar żgħażagħ." Għalhekk forsi naraw fiha l-ħsieb li mhux dejjem ċar biżżejjed, li ma laħaqx sa fejn riedet il-qalb, jew insibu 'l hawn u 'l hemm xi vers jimxi tqil u jinħass lebes għall-widna; imma nilmħu wkoll fil-poeżija ta' Dun Frans imħabba kbira lejn ir-Reliġjon u lejn in-Natura, biċċiet ta' deskrizzjoni milquta, u xbihat friski misjuqa mill-fantasija: għax ara, fil-wirja tal-frott:—

"Fin-nofs, hemm il-ħawħ, aħmar aħmar,
bil-qoxra ma tleqqx bellusija,
madwarhom, weqfin, il-banana
bħad-dgħajjes ħerġin għat-tiġrija."

Barra dawn, hemm ukoll aspett ieħor fil-poeżija ta' Dun Frans, li juri kif dan laqtitu l-gwerra bil-għawġ, bil-qerda u n-nuqqas li ġiebet magħha. Ħwejjeġ li aħna lkoll niftakruhom sewwa għax ġarrabniehom aħna jew qrajna fuqhom; mas-swaba' fittiexa tas-"searchlights" u mattinwiħ tas-sirena f'nofs ta' lejl fi żmien il-"blitzes" naraw iż-żifna tas-"submarines" li donnhom jiftaħru bil-qerda li għamlu lil ħuthom il-bnedmin u bħal iridu jgħidu:

"......bl-ikel tal-bniedem
xabbajna minnfloku l-ħut."